**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 27 ta' Marzu 2019**

**Talba Nru: 558/18 CZ**

**Hany Ewedah (ID 0124380 (A)**

**vs.**

**Food Chain Limited (C 753)**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba ta' l-attur imressqa fit-3 ta' Dicembru 2018 li biha premetta:

Illi l-attur kien jahdem mas-socjeta' intimate u minhabba l-agir abbuziv u illegali kellu jittermina x-xoghol tieghu bil-konsegwenza li sofra danni li jirraprezentaw telf ta' impjieg, nuqqas ta' hlas ta' sick leave, nuqqas ta' paga, hlas ta' uniformi, spejjez tal-medicini, u danni iehor [sic] k if se jigi ppruvat fil-mori tal-kawza.

Illi s-socjeta' konvenuta permess ta' risposta mressqa fid-19 ta' Dicembru 2018 eccepiet:

Illi *in limine litis* is-socjeta' intimata teccepixxi illi dan it-Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni sabiex jisma' u jiddeciedi talbiet li jaqghu taht il-Kapitolu 465[1] tal-Ligijiet ta' Malta dwar Relazzjoni [sic] ta' l-Impjieg peress illi kwistjonijiet ta' natura ta' impjiegg jaqghu taht il-guridizzjoni esklussiva tat-Tribunal Industrijali u fil-fatt it-talbiet kif elenkati jaqghu propju taht l-Artikolu 75, Titolu 1 tal-Kapitolu 465 dwar Relazzjonijiet tal-Impjieg u ghalhekk dan it-Tribunal ghandu jirrifjuta li jiehu konjizzjoni ulterjuri tas-smiegh ta' dan il-kaz.

Illi inoltre dan it-Tribunal ghandu kompetenza sabiex jaqta' u jiddeciedi biss talbiet ta' flus u mhux sabiex jistabbilixxi danni morali;

Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet is-socjeta' intimata fi kwalunkwe kaz teccepixxi illi t-talbiet tal-attur huma inveritieri u infondati kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt kif ser ikun pruvat ahjar fil-mori tal-kawza, tant illi r-rizenja ta' l-attur kienet wahda volontarja u bil-miktub da parti tieghu u ghalhekk is-socjeta' intimate ma kellhla ebda kontroll fuq tali rizenja;

Illi jekk hemm xi ammont illi r-rikorrent hu intitolat ghalih huwa fis-somma ta' €30 ghall-uniformi jekk kemm-il darba din tigi ritornata u l-ammont ta' €61.58 bhala hlas ta' 'sick leave' li hu intitolat ghalih u li dwaru s-socjeta' intimate informatu diversi drabi izda hu qatt ma gabar;

Ghaldaqstant, it-talba tas-socjeta' rikorrenti [sic] hija infondata fil-fatt u fid-dritt, b'dan illi ghandha tigi michuda bl-ispejjez inkluz dik tal-ittra ufficcjali datata 28 ta' Settembru 2018 u bid-drittijiet kontra s-socjeta' rikorrenti;

[1] Iktar tard is-socjeta' konvenuta talbet korrezzjoni u dan in-numru gie mibdul man-numru 452.

Salv eccezzjonijiet ohra permess mil-Ligi.

It-Tribunal:

Ra l-atti;

Ra d-dokumenti prezentati mis-socjeta' konvenuta, u ra wkoll illi l-attur iddikjara illi dwar l-ewwel eccezzjoni m'ghandux provi x'jipproduci;

Sema' t-trattazzjoni;

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni.

Ikkunsidra:

Illi mill-provi rrizulta illi l-attur beda jahdem mas-socjeta' konvenuta permezz ta' kuntratt ta' impjieg fiss, ta' tliet xhur, li beda fis-16 t'Ottubru 2017.

Illi sussegwentement kien irrizenja mill-impjieg u dan b'effett mit-30 t'April 2018. Fil-frattemp kien ghamel ukoll xi perjodu fuq sick leave.

Illi wara li ntemm l-impjieg, l-attur ressaq xi pretensjonijiet, ammontanti b'kollox ghal erbat'elef Euro (€4,000) u dan permezz ta' ittra ufficcjali tat-3 ta' Settembru 2018, li permezz taghha talab hlas ta' sick leave, leave, bonus, hlas ta' uniformi, spejjez ta' medicini, nuqqas ta' xoghol ghal perjodu partikolari, u danni morali.

Illi s-socjeta' konvenuta qed tissottometti illi t-talbiet maghmula mill-attur jaqghu taht l-ewwel titolu ta' Artikolu 75 tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi dan l-artikolu jipprovdi s-segwenti:

> 75. (1) Minkejja kull ma jinsab f'kull liġi oħra, it-Tribunal Industrijali jkollu l-ġurisdizzjoni esklużiva li jikkunsidra u jiddeċiedi -
> (a) il-kazijiet kollha fejn jiġi allegat li saret tkeċċija inġusta; u
> (b) il-każijiet kollha li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-saħħa tat-Titolu I ta' dan l-Att jew ta' regolamenti preskritti taħtu,
>
> għal kull għan barra minn proċeduri dwar reati kontra xi liġi, u r-rimedju ta' ħaddiem hekk imkeċċi jew li mod ieħor jallega il-ksur tad-dritt tiegħu skont it-Titoli I ta' dan l-Att ikun biss billi l-ilment tiegħu jintbagħat lit-Tribunal Industrijali u mhux xort'oħra:

Illi jidher ghalhekk illi s-socjeta' konvenuta qed tibbaza d-difiza taghha fuq dak li jipprovdi s-sub-inciz (1) ta' l-Artikolu 75 (1), li jindika kwistjonijiet li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali <u>bis-sahha tat-Titolu I ta' l-Att</u>[2]. It-Tribunal f'dan l-istadju qed jaghmel din l-emfasi fuq dawn il-kelmiet ta' dan l-artikolu, ghaliex l-interpretazzjoni li ghandha tinghata lil dan is-sub-artikolu mhijiex fis-sens li dak kollu li jaqa' taht Titolu I huwa gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali, u dan hekk kif konfermat fis-sentenza <u>*Waldermar David Galea vs. Universita' ta' Malta*</u>[3], fejn intqal:

> F'Titolu I tal-Kap. 452 jissemmew espressament il-kazijiet fejn wiehed ghandu jfittex rimedju quddiem it-Tribunal Industrijali (ara artikolu 30 tal-Kap. 452). Fir-rigward ta' kazijiet ohra, inkluz dawk li jissemmew f'artikolu 36 (11) u (14) it-Tribunal Industrijali ma jissemmiex. Fit-Titolu I huma identifikati kazijiet fejn l-ilment ghandu jsir quddiem it-Tribunal Industrijali, u l-qorti tifhem paragrafu (b) tal-artikolu 75(1) fis-sens li qieghed jirreferi ghal dawk il-kazijiet biss u mhux ghal kull kaz li jista' jinqala' fejn tapplika xi disposizzjoni taht Titolu I tal-Kap. 452. Il-qorti hekk biss tista' tifhem il-kliem 'li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali **bis-sahha tat-Titolu I**'.

[2] Sottolinear tat-Tribunal

[3] Qorti ta' l-Appell (Kompetenza Inferjuri) per Onor. Imhallef Anthony Ellul – 25 ta' Jannar 2019

> Il-qorti zzid li jekk il-legislatur kellu l-intenzjoni li kull kaz li jaqa' taht Titolu I tal-Att ikun fil-gurisidizzjoni tat-Tribunal Industrijali, il-qorti tifhem li f'paragrafu (b) tal-artikolu 75 kien jinghad espressament li t-Tribunal Industrijali ghandu l-kompetenza esklussiva li jikkunsidra u jiddeciedi l-kazijiet kollha li jaqghu taht Titolu I tal-Att, u mhux il-kazijiet li "jaqghu taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali **bis-sahha tat-Titolu I**".
>
> Hu minnu li l-artikolu 75(1) ikompli li r-rimedju ghall-impjegat imkecci jew "**li mod iehor jallega il-ksur tad-dritt tieghu skont it-Titolu I ta' dan l-Att**" hu biss quddiem it-Tribunal Industrijali. Pero' dawk il-kliem iridu jigu applikati b'mod li ma jgibux fix-xejn paragrafu (b) tal-istess disposizzjoni.

Illi minn ezami tal-pretensjonijiet imressqa mill-attur, jidher, ghall-inqas sa dan l-istadju, li l-ilmenti li qed jaghmel l-attur mhumiex indirizzati f'Titolu I tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk ma jattirawx il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali; u ghaldaqstant dan it-Tribunal ser jichad l-ewwel eccezzjoni fil-kawza odjerna, b'riserva li jqajjem l-eccezzjoni ta' kompetenza *ex officio* jekk ikun il-kaz, jekk jirrizultalu mod iehor waqt il-gbir tal-provi.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi  billi jichad l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta u jordna l-prosegwiment tal-kawza.

**Dr. Claudio Żammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur

----------------------------------Sentenza in parte----------------------------------------